Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 17 – Il-Hamis 17 ta' Ottubru 2025 fil-15:30 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali – Il-Hamis 17 t'Ottubru fit-15:30 ta' wara nofsinhar.

Preżenti :

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

## 17.1 Talba

17.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

17.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati

## 17.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

17.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 17.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-laqgħa li kellu ma' Mizzi Studios rigward proġett li qed jipproponu l-MTA għar-riabilitazzjoni tal-Blue Lagoon. Huwa spjega l-pjan tagħhom fil-qosor billi ser jikkonsisti f'li jixxiftjaw id-dgħajjes il-kbar aktar il-barra, inaqqsu l-flow tat-traffiku tal-baħar, ser jixxiftjaw il-gabbani aktar lura, ser isir xi pavimentar fejn il-kiosks u xogħol ieħor. Jidher li minn naħa tal-pubbliku ma tantx intlaqa' tajjeb iżda l-pjan jidher li jekk jiġi mplimentat kif propost għandu jnaqqas mit-traffiku ta' dgħajjes f'din iż-żona.

17.4.2 Is-Sindku għamel referenza għall-iskemi li bbenifikajna minnhom b'relazzjoni mal-festi tal-Milied: Mill-Malta Tourism Authority ħadna €5000, mill-iskema tal-Milied tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħadna €15,000 u mill-Ministeru għal Għawdex ingħatajna €17,000.

17.4.3 Is-Sindku propona sabiex ngħaddu talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex nittrasferixxu l-ammont li ħadna fuq l-iskema SPI\SCI\2\2024 għal proġett ta' tisbiħ tal-ġnien quddiem il-Kunsill Lokali għal proġett tat-Taraġ u Water Harvesting peress li jidher li ser jittieħdu talba mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal flus li ħadna €45,000 għal dan il-ġnien jew Taraġ u harvesting tal-Pjazza tad-Dehra.

17.4.4 Is-Sindku ssuġerixxa wkoll li għandna napplikaw mad-DPF Funds mal-awtorita tal-Ippjanar għal parti li mhux se tkun koperta mill fondi tal-LESA fuq il-proġett ta' pavimenta quddiem il-kappella ta Lourdes.

17.4.5 Is-Sindku propona sabiex nerġgħu nressqu t-Telephone Box fejn kienet fuq it-tarġa billi nirranġaw ftit il-bankina bil-ħaddiema tagħna. Sar qbil li għandna nitolbu li Għajnsielem Football Club jekk isibux oġġezzjoni.

## 17.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

17.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Debono talab sabiex Bus Stop 'Baħħar' fi Triq il-Ġnien tiġi shifted għal fejn kienet oriġinali ċioe Triq Ġnien kantuniera ma' Triq Baħħara minħabba li tinsab siq qrib bus stop oħra aktar l-isfel. . Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

17.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg propona li nagħmlu talba lill-Ministeru tal-Agrikultura sabiex jipprovdulna l-ghalf tal-annimali.

17.5.3 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona sabiex nitolbu lill-Arċipriet sabiex jippublika avviż għall-għajnuna ta' f'Bethlehem f'Għajnsielem.

17.5.4 Is-Sindku għamel referenza għall-programm "Bongu Malta" ser jixxandar dirett minn Għajnsielem nhar it-Hadd 28 ta' Diċembru bejn it-8:30am u s-13:00 u ħa nistiednu lin-nies li għandhom talent/kollezzjoni. Ser nistiednu ukoll lill-kantanti kollha ta' Għajnsielem. Sar qbil ukoll li għandna nagħmlu rekord ta' l-akbar imbuljata jew rekord simili.

## 17.6 Korrispondenza

17.6.1 Ġiet trattata l-ittra minn Transport Malta rigward talba mressqa minn resident fi Triq L-Imgarr għal reserved parking fejn Transport Malta ma aċċettatx it-talba tiegħu.

17.6.2 Ġiet trattata t-talba tas-sid tal-istabiliment The Colour Centre fi Triq l-Imrejżbiet għal Loading u Unloading bay quddiemu. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għaliha ma' Transport Malta.

17.6.3 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Perit Edward Scerri f'isem resident fi Triq Hamri fejn ilmentaw mill-ilmijiet kbar tax-xita li qed jaqilbu għal fuq ir-residenza tiegħu u qed jitlob li nagħmlu waterculvert. Il-Kunsill ra li din it-talba ma tistax tiġi aċċetta peress li l-waterculvert irid ikun wieħed kontinwu mat-triq kollha.

17.6.4 Ġiet tratta l-ittra mingħand is-Sinfonia Del Sole peress li din is-sena ser jiċċelebraw l-10 anniversarju u qed jitolbu sponsor. Il-Kunsill qabel li ma jistax jaċċetta din it-talba peress li l-Kunsill għandu piż finanzjarju kbir.

17.6.5 Ġiet trattata l-istedina għaċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira tal-vittmi tal-Għarqa tal-Banċinu. Sfortunatament ħadd mill-Kunsill mhu ser ikun jista jattendi peress li lkoll ser inkunu msefrin.

17.6.6 Il-Kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għat-trailers u karrijiet li hemm mormija fi Triq il-Briegħen. Is-Sindku wieeġeb li nhar it-Tlieta ser ikun hawn laqgħa mal-pulizija fis-13:30 dwar din il-materja u naraw kif ser nipproċedu.

## 17.7 Update dwar il-Proġetti

17.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update tal-proġetti kurrenti:-

**17.7.2 Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Il-permess huwa approvat mill-Awtorita tal-ippjanar permezz ta' DNO. (DN/00916/25). Il-proġett jinkludi pavimentar, it-taraġ, dawl u tisbiħ ieħor.
- Il-Perit se jkun qed japplika għal fondi tad-DPF mal-Awtorita tal-Ippjanar filwaqt li jiffinializza il-proċess tat-tenders.

**17.7.3 Triq Hamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.

**17.7.4 Proġett ta' Bollards, pavimentar u illuminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jinbeda wara l-Milied.

**17.7.5 Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Qed nistennew ġuranta tal-inawgurazzjoni tal-proġett

**17.7.6 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Il-Kunsill qed jistenna minn Road Construction meta jkun jista jibda u jeħles fiż-żmien stipulat fit-tender.

**17.7.7 Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Ix-xogħol miexi u qed jiġi mmoniterjat mit-team ta' Project Green.

**17.7.8 Bini Arkata**

- Qed nistennew responsibility form tigi sottomessa mill-Perit sabiex immexxu.

**17.7.9 Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar ġiet sottomoessa.
- Qed nistennew mill/Lands 'No objection'

**17.7.10 Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Rudolph Cauchi wasal sabiex jlesti x-xogholijiet tar-restawr tal-monument biex jiġi nawgurat dakinhar taċ-ċerimonja ta' Jum it-Tifkira.

**17.7.11 Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Permessi neċessarji mal-BCA u insurance lesti.
- Ix-xogħol mistenni jibda fil-gimgħat li jmiss u bħalissa qed nistennew is-samples tal-rħam

**17.7.12 Tisbiħ tat-tarag wara il-Grand Hotel / Triq Hamri**

- Il-proġett se jsir kif jkun hemm skema ta' fondi allokati għal dan il-proġett.

**17.8 Attivita' Vittmi tal-Gwerra u Inawgurazzjoni tar-Restawr tal-Monument**

17.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-attivita' ta' Jum it-Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra li ser tinżamm nhar il-Hadd 9 ta' Novembru 2026. Bħas-soltu tinbeda b'quddiesa fl-10:00am u wara ssir iċ-ċerimonja u tqegħid tal-kuruni quddiem il-Monument tal-Gwerra. Din is-sena ser niċċelebraw ukoll l-inawgurazzjoni tar-restawr tiegħu. Sar qbil li għandna nitolbu sabiex issir wirja tal-vetturi tal-gwerra u tindaqq il-fanfarra u d-daqq tas-sirena.

**17.9 Inawgurazzjoni Progett tal-Faccata tal-Iskola**

17.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ngħatatilna data tal-Inawgurazzjoni tal-Proġett tat-Tisbih tal-Faċċata tal-iskola li ser isir mill-Ministru Miriam Dalli u l-Ministru Clint Camilleri nhar il-Ġimgħa 14 ta' Novembru 2025 fil 11:00am. Kulhadd huwa mistieden u sar qbil li ninvolvu l-itfal tal-iskola primarja.

**17.10 Approvazzjoni tal-Financial Statements**

17.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-Financial Statement tas-Sena Finanzjarja 2024 kif preżentati mill-Awdituri. Hija spjegat kif meta tikkonsidra l-Cash u debituri l-Kunsill għandu 1.2 miljuni, filwaqt li flus krediti u kretiduri l-Kunsill kellu 1.13 miljuni li jirriżulta bilanc ta' €7000.

**17.11 Ġemellaġġ f'Loretu – Ottubru 2025**

17.11.1 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li minkejja li l-preparamenti għal dan l-avveniment huma avvanzati u kellna konkorrenza qawwija, garrabna diżappunt kbir minn naħa tal-amministrazzjonijiet ta' Loreto fejn fl-aħħar ġranet ġew qalulna li ser jiffirmaw patt ta' ħbiberija mhux ġemellaġġ, u għas-sala u r-riċeviment żgħir talbuna l-hlas ta' €1500. Is-Sindku spjega kif aħna ma aċċettajniex minn naha tagħna għax kien ilhom infurmati minn xhur qabel u fl-aħħar wara ħafna insistenza ddiskutewha Kunsill b'urgenza u aċċettaw.

**17.12 Pussess tal-Arcipriet ġdid**

17.12.1 Is-Sindku avża lill-Kunsilliera li l-pussess tal-Arċipriet il-ġdid ser isir nhar il-Hadd 13 ta' Diċembru fil-5:30pm. Il-Kunsill qabel li għandu jippreżentalu rigal tal-okkazzjoni.

**17.13 Milied u Bethlehem f'Għajnsielem**

17.13.1 Il-Kunsill iddiskuta d-draft tal-programm ta' attivitajiet tal-Milied. Il-programm ser jinbeda bl-inawgurazzjoni tas-Siġra nhar l-10 ta' Diċembru, l-Għoti ta' Ġieh Għajnsielem nhar it-12 ta' Diċembru fis-sala tal- Każin Banda. Sar qbil li għandna nagħtuh rigal maħdum mill-artist Joe Xuereb. Il-programm jinkludi wkoll diversi attivitajiet fosthom il-festin tat-tfal u l-ieħor tal-anzjani, t-tqassim tar-rigali u bosta attivitajiet oħra. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u li għandu jiġi ppublikat.

17.13.2 Bħala attrazzjonijiet ġodda li jridu jinbidlu f'Bethlehem f'Għajnsielem huwa li ser nagħmlu bridge ġdid li ser ikun jiswa madwar €1200 inkluż VAT. Bħala xogħol tal-mastrudaxxa privat nippruvaw niffrankaw kemm jista jkun billi x-xogħol nagħmluh fil-parti 'l kbira tiegħu permezz tal-ħaddiem tagħna. Sar qbil ukoll li għandna nibgħatu email lill-għaqdiet kollha sabiex kulħadd jieħu ħsieb jirranġa l-kamra tiegħu.

17.13.3 Sar qbil li għandna nresssqu t-talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jipprovdilna s-servizz ta' Mobile toilets għall-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

17.3.4 Sar qbil ukoll li għandna nagħmlu sejha pubblika għall- voluntiera.

17.3.5 Is-Sindku ħabbar li l-Mappa ta' din is-sena ser tigi sponsored minn Mallia Hardware Stores. Il-Kunsill apprezza ħafna dan il-ġest.

17.3.6 Għal-attivita ta' Lejliet il-Milied, il-Museum Subien u l-Parroċċa wrew ix-xewqa li l-attivita' tat-tqassim tar-rigali fid-djar ma naghmluhiex fil-ghaxija biex ma ttellifx il-purċissjoni tal-Bambin. Għalhekk il-Kunsill qabel li ghal din is-sena t-tqassim tar-rigali minn Santa Clause jsir bejn is-13:00 u l-4:00pm.

17.3.7 Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jieħu ħsieb li jdaħħal lil Triq Sant'Antnin mal-lista tiegħu għad-dwal tal-Milied peress li hija triq arterja.

**17.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

Ġiet prezentata l-iskeda numru 147 għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva l-pagamenti.

**17.15 Materji oħra**

17.15.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**17.16 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-17:30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2025 fl-4:00 ta' filgħaxija.

***Kevin Cauchi***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***